MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Appell Civili Numru. 821/2004/1

**Paraggi Holdings Limited (C-15823)**

**v.**

**Rosalie Darmanin u Nicholas Agius Darmanin**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell, interpost mill-konvenuti, minn digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Frar 2008 fil-kawza fl-ismijiet premessi, li permezz tieghu dik il-Qorti rrespingiet talba tal-istess konvenuti ghas-soprassessjoni pendenti l-ezitu ta' kawza kostituzzjonali.

**2.** Tajjeb li wiehed jaghti fil-qosor stampa tal-*iter* tal-kawza li wassal ghall-imsemmi digriet. Permezz ta' citazzjoni prezentata fis-27 ta' Ottubru 2004, is-socjeta` attrici talbet l-izgumbrament tal-konvenuti minn fond li jinsab fi Triq Amery, f'Tas-Sliema. Wara notifika permezz tal-procedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni, il-konvenuti, permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet prezentata fl-10 ta' Gunju 2005, opponew ruhhom ghat-talbiet attrici u fost affarijiet ohra huma eccepew li jgawdu titolu ta' kommodat fuq il-fond meritu tal-kawza.

**3.** Il-kawza bdiet tinstema' quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, sedenti l-Onor. Imhallef Tonio Mallia, fis-7 ta' Ottubru 2005. Wara li kienu nstemghu xi provi, minhabba tibdil fid-doveri ta' xi Imhallfin, il-kawza giet assenjata biex tinstema' mill-Onor. Imhallef Anna Felice. Fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2007 (allura sedenti l-Onor. Imhallef Anna Felice), il-konvenuti talbu li dik il-Qorti tissoprassjedi pendenti l-ezitu ta' kawza kostituzzjonali li l-istess konvenuti kienu intavolaw dak in-nhar stess. Wara skambju ta' noti ta' sottomissjonijiet bejn il-partijiet, l-ewwel qorti, b'digriet moghti fit-2 ta' Mejju 2007, cahdet it-talba ghas-soprassessjoni maghmula fis-17 ta' Jannar 2007 u "ordnat li l-kawza tkompli tinstema' regolarment". Id-digriet ighid hekk:

"Rat il-verbal tas-17 ta` Jannar, 2007 fejn il-konvenuta tablet li din il-Qorti tissoprassjedi fis-smiegh tal-kawza in vista tal-proceduri kostituzzjonali ntavolati dakinhar.

"Innotat l-oppozizzjoni tas-socjeta` attrici ghal din it-talba.

"Rat in-nota tal-istess konvenuta in sostenn tat-talba taghha.

"Rat ir-risposta ghal din in-nota pprezentata mis-socjeta` attrici.

"Ikkunsidrat illi:

“Huwa kompletament fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tilqax talba ghas-soprassjoni jew tichadx tali talba. Il-Qorti hija obbligata tissoprassjedi biss f`kaz li jaqa` fl-ambitu tal-Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni, li tipprovdi ghall-kaz meta l-istess Qorti taghmel referenza hi stess lill-Qorti Kostituzzjonali, kaz li ovvjament m`huwiex dak li ghandha quddiemha prezentement. F`dan il-kaz quddiemha, kienet l-istess konvenuta li bdiet il-proceduri kostituzzjonali. Ghaldaqstant, ir-rimedju tas-soprassessjoni jibqa` biss fakoltattiv.

“Issa l-Qrati Maltin kellhom diversi okkazzjonijiet fejn ippronuncjaw ruhhom dwar l-ezercizzju ta` din il-fakolta`.

“Mid-diversi sentenzi johorgu zewg principji fondamentali:

“1. l-obbligu ta` kull Qorti li tisma` u tiddeciedi kull kawza fi zmien ragonevoli skond ic-cirkostanzi tal-kaz partikolari; u

“2. li bhala tali s-soprassjoni m`hijiex komtemplata fis-sistema guridiku Malti tilef f`kazijiet ta` *‘lis alibi pendens’* u l-konnessjoni ta` kawzi; li pero` huma istituti differenti u dawn kif tajjeb enuncjati fis-sentenza (Onor. Imh. A. Depasquale vs Avukat Generali) (1 ta` Gunju, 2001).

“Wiehed jinnota wkoll dak li qalet il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Dottor Alfred Mifsud vs Onorevoli Prim Ministru deciza fl-20 ta` Lulju, 1994: *“Is-soppressessjoni hija, minnha nnifisha mizura eccezzjonalissima ghaliex tiffrena l-andament normali ta` kawza b`mod billi twaqqaf ghalhekk dik l-ispeditezza li tesigi l-gustizzja biex kull kawza tinqata` fi zmien ragonevoli”.*

“Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza *“Lawrence Cuschieri vs Onor. Prim Ministru”* kif citata fid-decizjoni gia msemmija (Onorevoli Imhallef A. Depasquale vs Avukat Generali):

*““Huwa car illi din il-minaccja li avvertiet is-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell “Spiteri vs Sghendo” jigifieri li s-soprassessjoni ghandha l-effett li tipparalizza totalment il-*

*funzjonament tal-Qrati u ta` l-amministrazzjoni tal-gustizzja qieghda tavverra ruhha. Di fatti llum, bl-access li nfetah ghal proceduri quddiem l-organi gudizzjarji tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, li nholqu bil-Konvenzjoni ghal Protezzjoni tad-Drittijiet Umani w il-Libertajiet Fundamentali, li ghandhom is-sede taghhom fi Strasbourg, is-sentenzi kollha ta` din il-Qorti, inkwantu kollha huma passibbli ta` ulterjuri ezami hemmhekk huma kollha soggetti ghal paralizi specjalment fil-fazi ezekuttiva taghhom jekk din il-Qorti, skond is-sentenza appellata, jkollha tissoprassjedi, fil-kazijiet kollha fejn isir rikors ghal dawn l-organi;*

*"Is-soprassessjoni fuq il-linji msemmija fis-sentenza appellata tispicca biex tigi ekwivalenti ghal fonti ta` ingustizzja profonda ghaliex effettivament tissospendi l-implimentazzjoni u l-attwazzjoni tal-gustizzja tal-litigju fi zmien ragonevoli"*.

"Il-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti llum huwa precizament ta` din in-natura li ghaliha rreferiet il-Qorti f`dan il-kaz precitat. Il-Qorti ma ssib ebda raguni ghala ghandha tiddipartixxi minn dan l-insenjament.

"Il-Qorti tinnota wkoll li l-konvenuta f`dan il-kaz qed tibbaza d-difiza taghha fuq it-titolu ta` kommodat li hija qed tallega li ghandha. Il-proceduri li hija istitwiet fil-Qorti Kostituzzjonali, fil-fehma ta` din il-Qorti, u dan bla pregudizzju ghal kull dritt iehor li jista` jigi akkordat lilha mid-decizjoni tal-proceduri kostituzzjonali minnha istitwiti jistghu jispiccaw biex ma jkollhom ebda effett cert fuq it-titolu li qed tallega li ghandha l-konvenuta. Ir-rizoluzzjoni ta` dawn il-proceduri m`humiex necessarjament ser ikollhom effett fuq it-titolu ta` kommodat li hija tallega.

"Ghaldaqstant, il-Qorti tipprovdi billi tichad it-talba ghas-soprassessjoni maghmula fis-17 ta` Jannar, u tordna li l-kawza tkompli tinstema' regolarment."

**4.** Fl-udjenza ta' wara – 10 ta' Ottubru 2007 – il-kawza thalliet ghall-provi tal-konvenuti ghas-16 ta' Jannar 2008.

**5.** Fis-16 ta' Jannar 2008 il-konvenuti pprezentaw rikors fir-registru li permezz tieghu talbu r-rikuza tal-Imhallef sedenti peress li, kif jinghad fl-istess rikors, huma kienu "ghadhom kif saru jafu" li l-Imhallef sedenti kienet fl-istess kors tal-ligi (presumibbilment fl-Universita` ta' Malta) li fih kien l-Avukat Dott. Pio Valletta, liema avukat "huwa d-direttur u l-*factotum* tas-socjeta` attrici". Fl-udjenza ta' l-istess data – 16 ta' Jannar 2008 – l-Imhallef sedenti cahdet it-talba ghar-rikuza. L-avukat tal-konvenuti nforma lill-Qorti li l-konvenuta kienet ser tintavola kawza kostituzzjonali (allura <u>t-tieni</u> kawza kostituzzjonali b'xi mod konnessa ma' din il-kawza) "mid-digriet tal-Qorti tal-lum" fuq il-bazi li hi ma kienitx qed tinghata jew ma kienx ser ikollha "*fair hearing*", u ghaldaqstant talab li l-konvenuti ma jressqux il-provi taghhom f'dik l-udjenza. Il-Qorti akkordat lill-konvenuti erbat ijiem biex, jekk iridu, jintavolaw rikors ghas-soprassessjoni, bil-visto tal-kontroparti li nghatat erbat ijiem ghal risposta. Ir-rikors ghas-soprassessjoni gie effettivament prezentat fil-21 ta' Jannar 2008 (pero` minghajr il-visto tal-kontroparti), bir-risposta prezentata fid-29 ta' Jannar 2008 (wara li l-Qorti kellha hija stess "tordna" n-notifika lill-kontroparti). Fit-12 ta' Frar 2008, il-Prim Awla regghet cahdet it-talba ghas-soprassessjoni. Id-digriet relattiv ighid hekk:
"Rat ir-rikors tal-21 ta' Jannar, 2008.

"Rat ir-risposta tad-29 ta' Jannar, 2008.

"Ikkunsidrat illi huwa principju fondamentali l-obbligu tal-Qorti li tisma' u tiddeciedi kawza fi zmien ragonevoli.

"Il-Qorti ga kellha okkazjoni tippronunzja ruhha f'din il-materja fid-digriet moghti fit-2 ta' Mejju, 2007 f'din il-kawza stess, fejn kienet ghamlet riferenza ghal-diversi pronuncjamenti ta' dawn il-Qrati f'dan il-kuntest.

"Ghaldaqstant il-Qorti tichad it-talba kontenuta fir-rikors fuq imsemmi u tordna li l-kawza tkompli tinstema' regolarment."

**6.** Huwa <u>minn dan it-tieni digriet dwar is-soprassessjoni</u>, u cioe` minn dak tat-12 ta' Frar 2008, li

qed isir l-appell odjern, ghalkemm meta wiehed jaqra l-aggravji tar-rikors kif ukoll jara t-tielet talba tal-appellanti, donnu hemm ukoll implicitament appell mid-digriet tas-16 ta' Jannar 2008.

**7.** L-appellanti Rosalie Darmanin u Nicholas Agius Darmanin bazikament jikkontendu li galadarba giet intavolata kawza kostituzzjonali li qed tallega nuqqas ta' smigh xieraq jekk il-kawza odjerna tkompli tinstema' mill-Onor. Imhallef Anna Felice, dik l-ewwel Qorti kienet b'xi mod obbligata skond il-ligi li tissoprassjedi kif mitlub bir-rikors tal-21 ta' Jannar 2008. Huma ghalhekk talbu (i) ir-revoka tal-imsemmi digriet tat-12 ta' Frar 2008, (ii) li din il-Qorti takkolji t-talba ghas-soprassessjoni, (iii) "in subordine tordna r-rikuza ta' l-Imhallef illi qed tisma' l-kawza", u (iv) "in subsidium tordna l-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat Paraggi Holdings Ltd."

**8.** Is-socjeta` appellata eccepiet in-nullita` tar-rikors ta' appell a bazi ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 229(1)(m) tal-Kap. 12:
*"Appell minn dawn id-digrieti li gejjin jista' jsir biss wara l-ghoti tas-sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza, u dawn id-digrieti ma jistghux jigu kontestati qabel ma tinghata s-sentenza definittiva…(m) dwar digriet li ma jilqax talba ghal waqfien fil-proceduri."*

**9.** Din il-Qorti bla tlaqliq tghid li s-socjeta` appellata ghandha ragun. Apparti li din il-Qorti ma tistax tifhem kif hija tista' b'xi mod – jekk hux "in subordine" jew fl-ewwel lok huwa rrelevanti – "tordna r-rikuza" tal-Imhallef ta' l-ewwel grad meta hu risaput li l-ligi ma' taghtix appell mid-decizjoni tal-Imhallef dwar l-eccezzjoni ta' rikuza tieghu – ara l-Artikolu 738(1) tal-Kap. 12 – il-paragrafu (m) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 229 huwa car daqs il-kristall. Il-legislatur evidentement jiffavorixxi t-tkomplija tas-smigh tal-kawzi, ghax filwaqt li jaghti dritt ta' appell fil-kaz ta' "digriet li jordna l-waqfien tal-procedimenti" (ara Artikoli 229(2)(e)), meta digriet ma jilqax talba ghas-soprassessjoni, il-legislatur espressament jipprovdi li ma jistax isir appell minn dak id-digriet hlief wara s-sentenza

definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza definittiva.

**10.** Huwa evidenti, ghalhekk, li dana l-appell huwa wiehed fieragh, u sar biss biex il-konvenuti jippruvaw jigwadanjaw iz-zmien. Dana l-appell jammonta ghal abbuz tal-process gudizzjarju.

**11.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell tal-konvenuti u tordna li l-atti jigu minnufih mibghuta lura lill-Prim Awla tal-Qorti Civili biex dik il-Qorti tkompli tisma' l-kawza skond il-ligi. L-ispejjez ta' dana l-appell jithallsu kollha mill-konvenuti appellanti *in solidum* bejniethom – u peress li dana l-appell huwa wkoll wiehed fieragh fit-termini tal-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellanti jhallsu lis-socjeta` appellata l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------